MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Numru 11/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Denis Pandolfino u**
**Anthony Pandolfino**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost, permezz ta' zewg rikorsi separati[1], minn Denis Pandolfino u Anthony Pandolfino mis-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fid-19 ta' Ottubru

[1] Ir-rikors ta' appell ta' Denis Pandolfino gie ppresentat fis-7 ta' Novembru 2006, filwaqt li dak ta' Anthony Pandolfino gie ppresentat fid-9 ta' Novembru 2006.

2006. F’dan il-kaz ma kienx hemm verdett tal-gurija peress li z-zewg appellanti, akkuzati quddiem l-ewwel Qorti, ghazlu li jigu gudikati mill-Qorti Kriminali komposta mill-Imhallef biss u ghalhekk minghajr gurija.

**2.** Permezz tal-Att ta’ Akkuza numru 11 ta’ l-2004 – Att ta’ Akkuza konsistenti f’seba’ kapi – **Denis Pandolfino** gie akkuzat **fl-Ewwel Kap** talli fl-2002 u fis-snin ta’ qabel stupra zewgt itfal subien, AB u RB[2], meta dawn kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax-il sena, u b’dan ukoll li r-reat sar b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, izda li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda (ghalhekk reat kontinwat) (piena mitluba mill-Avukat Generali skond il-ligi minn tliet snin sa ghaxar snin prigunerija); **fit-Tieni Kap** l-istess **Denis Pandolfino** gie akkuzat talli fl-istess perijodu b’eghmil zieni kkorrompa lill-istess zewg subien, b’dan li r-reat kien aggravat minhabba l-fatt li t-tfal kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax-il sena kif ukoll peress li huma kienu gew fdati lill-istess Pandolfino, imqar jekk ghal xi zmien, biex huwa jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, u b’dan ukoll li r-reat kien ta’ natura kontinwata (piena mitluba minn sentejn sa ghaxar snin prigunerija); **fit-Tielet Kap** l-imsemmi Denis Pandolfino kien akkuzat bis-sekwestru kontra l-ligi u aggravat tal-istess AB u RB (piena mitluba minn tlettax-il xahar sa tliet snin). **Anthony Pandolfino** gie akkuzat **fir-Raba’**, **fil-Hames** u **fis-Sitt Kapi** tal-imsemmi Att ta’ Akkuza bl-istess reati bhal huh Denis Pandolfino, u cioe` stupru kontinwat, korruzzjoni ta’ minorenni aggravata u kontinwata u sekwestru tal-persuna aggravat rispettivament, u dan dejjem fir-rigward ta’ l-istess zewgt itfal. **Fis-Seba’ Kap**, imbaghad, kemm **Denis Pandolfino** kif ukoll **Anthony Pandolfino** gew akkuzati li gibdu jew ippermettew li jingibdu xi ritratti, *films*, *video recordings* jew xbieha elettronika indicenti ta’ persuna ta’ taht l-eta`, jew li qassmu jew urew ritratti, *films*, *video recordings* jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew li kellhom fil-pusses taghhom ritratti, *films*, *video recordings* jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn (piena mitluba: prigunerija

[2] L-inizjali ma jikkorrispondux ma’ l-ismijiet veri tat-tfal.

ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux izjed minn mitejn lira, jew prigunerija u multa flimkien).

**3.** Permezz ta’ sentenza moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2006, il-Qorti Kriminali lliberat liz-zewg akkuzati mit-Tielet Kap u mis-Sitt Kap (cioe` mill-akkuza ta’ sekwestru tal-persuna) izda sabet lil **Denis Pandolfino** hati tal-Ewwel, tat-Tieni u tas-Seba’ kap tal-Att ta’ l-Akkuza, u cioe` talli :-

1. fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta’ qabel, go Tas-Sliema u Pembroke, San Giljan, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza kkommetta stupru fuq AB u RB, minuri taht it-tnax il-sena, u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att ta’ l-Akkuza;
2. fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta’ qabel, go Tas-Sliema u Pembroke, San Giljan, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’eghmil zieni kkorrompa lil AB u RB, persuni taht l-eta`, b’dan li r-reat sar imqar jekk il-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, u dan bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx it-tnax il-sena, skond it-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza;
3. fid-29 ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u fix-xhur ta’ qabel , f’Malta, l-akkuzat Denis Pandolfino li huwa cittadin ta’ Malta u residenti permanenti Malta, qassam jew wera u/jew kellu fil-pussess tieghu, ritratti, *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici indicenti ta’ persuni taht l-eta`, u dan skond is-Seba’ Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

**4.** Bl-istess sentenza **Anthony Pandolfino** instab hati tar-Raba’, tal-Hames u tas-Seba’ kap tal-Att ta’ Akkuza, u cioe` talli:-

1. fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta’ qabel, go Pembroke, San Giljan, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza kkommetta

stupru fuq AB, minuri taht it-tnax il-sena, u dan skond ir-Raba’ Kap tal-Att ta’ l-Akkuza;

2. fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta’ qabel, go Pembroke, San Giljan, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’eghmil zieni kkorrompa lil AB, persuna taht l-eta`, b’dan li r-reat sar imqar jekk il-minuri gie fdat lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu, u dan bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx it-tnax il-sena, u dan skond il-Hames Kap tal-Att ta’ l-Akkuza; u

3. fid-29 ta’ Novembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) u fix-xhur ta’ qabel, f’Malta, Anthony Pandolfino, li huwa cittadin ta’ Malta u residenti permanenti Malta, qassam jew wera u/jew kellu fil-pussess tieghu, ritratti, *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici indecenti ta’ persuni taht l-eta`, u dan skond is-Seba’ Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

**5.** Dik il-Qorti kkundannat lil Denis Pandolfino u lil Anthony Pandolfino ghall-piena ta’ **ghaxar snin prigunerija** kull wiehed (bit-tnaqqis tal-arrest preventiv), filwaqt li kkundannat lil kull wiehed minnhom li jhallas is-somma ta’ Lm137.28 rappresentanti nofs is-somma totali tal-ispejjez peritali, u dana wara li dik il-Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

**“Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet kollha dwar il-piena maghmula mill-abbli difensuri.**

**“Illi mill-fedina penali aggornata tal-akkuzat Denis Pandolfino jirrizulta li fil-1978, hu kien gie misjub hati ta’ omicidju involontarju rizultat ta’ incident tat-traffiku u li fl-1994 kien instab hati ta’ kontravvenzjoni ta’ dagha.**

**“Anthony Pandolfino ghandu hames kundanni ta’ reati u kontravvenzjonijiet tat-traffiku u zewg kundanni li zamm fond miftuh ghall-kiri taz-zwiemel minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**“Illi l-piena ghar-reati li taghhom iz-zewg akkuzati nstabu hatja, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali tvarja minn piena minima ta’ tliet snin u tmien xhur prigunerija u multa ta’ ghaxar liri Maltin ghall-piena massima ta’ hmistax il-sena u tliet xhur prigunerija.**

**“Din il-Qorti thoss li l-gravita` w n-natura tar-reati li qed jinstabu hatja taghhom il-hatja kif ukoll l-incidenza, ripetizzjoni w kontinwita` taghhom tirrikjedi li l-piena mhux biss tkun wahda karcerarja effettiva imma wkoll li ma tkunx wahda vicin il-minimu tal-gamma wiesgha tal-piena li l-ligi thalli f’idejn il-gudikant, imma tkun wahda li tirrifletti s-serjeta` u l-gravita` tal-kaz.**

**“Iz-zewg hatja rispettivament hadu vantagg mill-fatt li omm il-minuri kienet tghix hajja imgerfxa rresponsabbli ghall-ahhar biex raw kif ghamlu u akkwistaw taht idejhom, Denis Pandolfino b’mod temporanju u Anthony Pandolfino b’mod fit-tul, tifel kull wiehed minn ghandha, biex imbaghad setghu jabbuzaw minnhom kif u x’hin riedu. Dan ma kienx xi incident fugaci jew ta’ darba, imma “*system of conduct”* ta’ kull wiehed miz-zewg hatja ippjanat biex jissodisfa l-perversita` taghhom rispettiva.”**

**6.** Kif inghad, minn din is-sentenza appellaw kemm Denis Pandolfino kif ukoll huh Anthony Pandolfino. L-aggravji ta’ Denis Pandolfino huma diretti lejn is-sejbien ta’ htija dwar l-Ewwel u dwar it-Tieni Kap, kif ukoll dwar il-piena inflitta. Huwa jikkontendi bazikament li l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati skond dawn iz-zewg kapi peress li ma kienx hemm provi bizzejjed li kienu jwasslu ghac-certezza morali tal-htija tieghu fir-rigward taz-zewg reati ta’ stupru u ta’ korruzzjoni ta’ minorenni. Huwa jishaq fuq dak li huwa jsejjah “divergenzi” bejn id-diversi versjonijiet moghtija miz-zewgt itfal, deposizzjonijiet li huwa jqis bhala inattendibbli. Ighid ukoll li l-piena kienet wahda gravuza. Fil-kors tal-udjenza tal-15 ta’ Frar 2007, l-abbili difensur tal-appellant Denis Pandolfino iddikjara, wara d-debita konsultazzjoni mal-klient tieghu, li l-istess Denis

Pandolfino kien qed jaccetta d-dikjarazzjoni tal-htija fir-rigward tat-Tieni Kap biss – cioe` fir-rigward tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni – izda kien qed jikkontesta li huwa stupra lill-minuri AB u RB. Anthony Pandolfino, min-naha tieghu, filwaqt li huwa wkoll jikkontesta, fuq bazi fattwali, s-sejbien ta' htija dwar ir-Raba' Kap (dwar l-istupru), kif ukoll jilmenta dwar il-piena, ghandu wkoll aggravju strettament legali u cioe` li f'dan il-kaz ma kienx hemm il-kwerela mehtiega ghalbiex ikun hemm l-azzjoni gudizzjarja fir-rigward tar-reati ta' stupru u ta' korruzzjoni ta' minorenni. Huwa dan l-ilment li ser jigi trattat l-ewwel.

**7.** Dan il-punt dwar in-nuqqas tal-kwerela, gie anke sottomess quddiem l-ewwel Qorti, cioe` quddiem il-Qorti Kriminali, u infatti dik il-Qorti, f'pagni 9 sa 11 tas-sentenza appellata iddeliberat dwar din l-eccezzjoni ta' natura legali, u cahditha. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, pero`, din il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta, cioe` li tichadha, ir-raguni ghala kellha tichadha ma kinitx dik imsemmija fis-sentenza appellata, izda kellha tkun raguni kompletament differenti. Kif tajjeb josserva l-appellant, f'kazijiet simili bhal dawk in dizamina ma jistghu jittiehdu ebda proceduri kriminali ghal stupru vjolent (Artikolu 544(a)) u korruzzjoni ta' minorenni (Artikolu 203(3) tieni *proviso*) minghajr il-kwerela tal-parti leza, li, naturalment fil-kaz ta' minorenni tista' ssir ukoll minn haddiehor (Artikolu 542). F'dan il-kaz huwa veru li ma giet ezibita ebda kwerela u anqas saret il-prova taghha. Rinfaccata b'din l-eccezzjoni, il-Qorti Kriminali jidher li ppruvat targumenta li dawn iz-zewg reati kienu akkumpanjati minn reat li "jinteressa l-ordni pubbliku" (l-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 543) u reat "li jmiss l-ordni pubbliku" (*proviso* tal-Artikolu 373), u dan senjatament b'referenza ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 208A (ir-reat taht is-Seba' Kap), cioe` r-reat ta' wiri, pussess, tqassim ecc. ta' ritratti indicenti ta' persuni ta' taht l-eta`. Dawn iz-zewg disposizzjonijiet ta' ligi pero`, cioe` l-Artikoli 543(d) u l-*proviso* tal-Artikolu 373, huma rrelevanti ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni. Dak li <u>hu</u> relevanti huwa l-Artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi li

**Jekk, matul il-kumpilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-ligi.**

Kif inhu risaput, il-kumpilazzjoni tinghalaq fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401 tal-Kodici Kriminali, meta l-Qorti Istruttorja trid tiddeciedi jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht Att ta' Akkuza. Fil-kaz in dizamina dana l-istadju sehh fil-11 ta' Dicembru 2002 (fol. 192 tal-attijiet ta' l-Istruttorja). Sa dak l-istadju la l-imputati ma kienu talbu, u anqas il-Qorti Istruttorja *ex officio* ma kienet ordnat, prova tal-kwerela. Konsegwentement, ghall-finijiet tal-proceduri kollha li sehhew wara dik id-data, "il-kwerela [kellha] titqies li saret skond il-ligi". L-abbili difensur tal-appellant, fil-kors tat-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – irrefera ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali[3] kollegjalment komposta[4] tal-20 ta' Ottubru 1953 fl-ismijiet ***Il-Maesta` Taghha r-Regina v. Mikiel Azzopardi***. Din is-sentenza, pero`, ma taghmilx ghall-kaz in dizamina, ghax fil-kaz ta' Azzopardi kien hemm effettivament ir-recess, ossia irtirar, tal-kwerela – haga li f'dan il-kaz ma kienx hemm. Mill-mument li saru l-*Care Orders* fir-rigward tat-tfal, kienet biss il-Ministru responsabbli mill-hrug taghhom li setghet tirtira l-kwerela, haga li fil-kaz in dizamina mhux biss ma saritx izda addirittura l-Ministru responsabbli insistiet li l-proceduri jitkomplew b'aktar speditezza (ara r-rikors maghmul quddiem il-Qorti Kriminali fis-7 ta' Settembru 2004). Ghalhekk dana l-aggravju tal-appellant Anthony Pandolfino huwa infondat u qed jigi michud.

**8.** Il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkonsidra l-aggravji taz-zewg appellanti fil-meritu, u cioe` fir-rigward tal-ilment taghhom li ma kienx hemm provi bizzejjed li a bazi taghhom l-ewwel Qorti setghet tikkonkludi li huma hatja ta' stupru vjolent. Din il-Qorti ezaminat fid-dettal l-attijiet kollha, kemm ta' l-istruttorja kif ukoll tal-Qorti Kriminali, inkluzi t-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet li l-partijiet

---

[3] Mhux Qorti ta' l-Appell Kriminali, Sede Superjuri, kif erroneament indikat fir-rikors ta' appell ta' Anthony Pandolfino – fl-1953 ma kien ghad hemm ebda Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[4] Sir Luigi Camilleri, President, u l-Imhallfin Montanaro Gauci u Harding.

talbu li jsiru. Din il-Qorti marret oltre, u rat ukoll il-*video cassettes* tad-deposizzjonijiet tat-tfal AB u RB kemm quddiem il-Qorti Istruttorja kif ukoll fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali. Minn dawn il-provi din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju li kemm l-appellant Denis Pandolfino kif ukoll l-appellant Anthony Pandolfino ripetutament ivvjolentaw – effettivament issodomizzaw – lit-tfal li kienu fdati lilhom, b'Denis Pandolfino jikkommetti dan l-att kemm fuq AB kif ukoll fuq RB. Huwa veru li hemm diversi diskrepanzi bejn il-versjonijiet moghtija mit-tfal, pero` wiehed ma jridx jinsa li hawn si tratta ta' tfal li meta avveraw ruhhom l-atti ta' korruzzjoni u ta' stupru – atti ripetuti fuq medda ta' zmien – kienu ghadhom bilkemm ghalqu l-ghaxar snin. Tfal ta' dik l-eta`, ghalkemm forsi ma jkunux jifhmu l-portata shiha ta' dak li jkun qed jigri, jistghu jirrealizzaw maz-zmien il-gravita` tal-akkadut u, minkejja l-mekkanizmu difensiv tal-mohh li jipprova jidfen l-esperjenzi trawmatici, jaslu biex jiftakru l-essenzjal ta' dak li jkunu ghaddew minnu u jesprimuh skond il-kapacitajiet ta' komunikazzjoni taghhom. Wiehed, pero`, ma jistax jippretendi precizjoni ta' dettal f'dak li huwa zmien jew frekwenza, jew dettalji ta' cirkostanzi sekondarji, trattandosi, kif diga` nghad, ta' atti ripetuti. Hekk, per ezempju, din il-Qorti setghet tinnota li AB, meta xehed quddiem il-Qorti Istruttorja (fejn, din il-Qorti jiddispjaciha tosserva, kien hemm interruzzjonijiet ripetuti u totalment ingustifikati da parti tal-Avukat Dott. Melvyn Mifsud) dan it-tifel kellu problema biex jesprimi ideat temporali – anqas kien jaf kemm kien fih granet xahar! Minkejja dan, huwa seta jfisser b'mod car l-atti ta' sodomija prattikati fuqu mill-appellant Anthony Pandolfino, u b'dettal partikolari li difficilment tifel ta' dik l-eta` jista' jivvintah jekk ma jkunx verament ghadda minnu, u cioe` l-ugiegh assocjat mal-penetrazzjoni. Meta ddepona fil-Qorti Kriminali erba' snin wara li kien iddepona fil-kors tal-Istruttorja – u issa tfajjel ta' hmistax-il sena – huwa kien aktar sod emozzjonalment u aktar cert fir-risposti tieghu, u baqa' jiftakar l-essenzjali aktar 'l fuq imsemmi. RB – it-tifel iz-zghir – mill-banda l-ohra, meta xehed fl-Istruttorja kien kapaci jesprimi ruhu (dejjem fil-limitazzjonijiet ta' tifel ta' ghaxar snin) ahjar minn huh, u meta gie biex jiddeskrivi dak li kien pinga, seta jispjega b'mod car dak li huwa kien

pinga bhala l-frott tal-immaginazzjoni tieghu u dak li kien pinga ghax verament kien gara. Anke dan RB, meta ddepona fil-Qorti Kriminali, l-essenzjali tal-atti, evidentement trawmatici, baqa’ jiftakarhom. Kemm il-Qorti Istruttorja kif ukoll il-Qorti Kriminali ikkontrollaw b’mod legalment korrett il-mistoqsijiet in kontroezami biex jassiguraw li dawn it-tfal ma jigux imhawwda b’mistoqsijiet vagi, kapzjuzi jew li min ikun qed jaghmel il-mistoqsijiet joqghod jaqbez minn haga ghal ohra b’mod li x-xhud jispicca anqas ikun jaf fuqhiex ikun qed jitkellem. Anqas ma tista’ din il-Qorti, takkolji s-suggeriment li sarilha li ma hemmx prova ta’ penetrazzjoni ghax ma kienx hemm ezamijiet medici – tali prova tirrizulta abbundantement mid-deposizzjoni taz-zewgt itfal. Ghalhekk l-aggravju taz-zewg appellanti fir-rigward tal-kapi ta’ stupru qed jigi michud.

**9.** Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Hawn ghandna kaz ta’ tnejn min-nies li, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, biex jissodisfaw il-perversita` taghhom, irnexxilhom jiehdu taht idejhom zewgt itfal zghar gejjin minn familja bi problemi, u flok ma tawhom dak li dawn it-tfal kellhom dritt ghalih – cioe` trobbija li tirrispetta d-dinjita` taghhom – abbuzaw minnhom sesswalment bl-aktar mod atroci u subdolu. F’kazijiet bhal dawn, il-fedina penali tal-hati, anke jekk altrimenti hija perfettament nadifa, ma jista’ jkollha ebda rifless mitiganti fuq il-piena. Anqas jista’ l-appellant Anthony Pandolfino jilmenta, bhalma jaghmel fir-rikors ta’ appell tieghu, li huwa instab hati biss fir-rigward ta’ tifel wiehed u mhux tnejn bhal fil-kaz ta’ huh, ghax fil-kaz tieghu din il-Qorti hi sodisfatta li l-atti ta’ abbuz fuq AB damu ghaddejjin (u, wiehed ma jridx jinsa’, b’mod premeditat) ghal zmien aktar milli damu l-abbuzi ta’ huh fuq iz-zewgt itfal. Jekk, bhalma jammetti l-istess Anthony Pandolfino, dak li gralu kien sforz il-fatt li huwa “ghandu gibda sesswali lejn is-subien minuri” u ghalhekk ma huwiex “persuna normali”, kien aktar jinkombi fuqu li jassigura li ma johloqx b’idejh stess sitwazzjoni fejn allura kien ser jispicca jabbuza minn tfal taht l-eta`. Dan l-argument ta’ dana l-appellant jirrazenta l-fieragh.

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appelli u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-Qorti fl-ahharnett tordna d-distruzzjoni tal-materjal pornografiku kollu ezibit in atti kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax, permezz ta’ nota li ghandha tigi presentata mhux aktar tard minn gimgha mil-lum, li dan il-materjal, jew xi whud minnu, huwa mehtieg in konnessjoni ma’ xi investigazzjoni jew investigazzjonijiet ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------